**15 ta' Mejju, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Dr. S. Micallef Stafrace *noe*

*versus*

Godwin Abela *et noe*

**Surroga - Estensjoni - *Survey Fees***

*Is-surroga kienet biss tkopri l-ammont effettivament imħallas bħala kumpens għad-danni iżda mhux is-*survey fees *infushom.*

*Is-*survey fees *qatt ma jitħallsu mill-importatur u għalhekk qatt ma jkun hemm surroga għalihom.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Ċivili ġà l-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Ottubru, 1996 fil-kawża għar-reklam għal danni konsistenti fi ħsarat u telf f'konsenja ta' karozzi li s-soċjetà Industrial Motors Ltd. importat Malta. Is-soċjetà assikuratriċi attriċi qed taġixxi in forza tas-surroga li għandha mis-soċjetà mportatriċi li lilha ħallset bis-saħħa ta' kuntratt ta' assikurazzjoni;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur *nomine* ppremetta:

"Illi s-soċjetà Industrial Motors Ltd. importat ġewwa Malta fuq il-vapur Harmony Ace konsenja ta' vetturi Mitsubish (dokumenti F, G, H u I);

Illi wara li waslet din il-merkanzija Malta fis-26 ta'

Jannar, 1993 u nhattet f'idejn is-soċjetà The Cargo Handling Company Limited ġiet ikkonsenjata lill-assigurat ta' l-attur bil-ħsarat u nuqqasijiet elenkati fid-dokument A;

Illi *ai termini* tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur *nomine* u l-assigurat tiegħu hu kellu jindennizza lill-assigurat tiegħu tal-ħsarat u danni li ġew lilu kkawżati u b'hekk issa hu ġie ssurrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur *nomine* jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tiegħu fl-ammont ta' mitejn u ħmistax-il lira Maltija (Lm215) li magħhom jiżdied l-ammont ta' mija u sitta u tletin lira bħala *survey fees* (Lm136) għalhekk danni totali sofferti mill-attur *nomine* fl-ammont ta' tliet mija u wieħed u ħamsin lira (Lm351);

Illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom huma responsabbli għal dawn id-danni;

Talab li dina l-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut *nomine* jew min minnhom responsabbli għad-danni kkaġunati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur *nomine* li għalihom għamel tajjeb l-attur *nomine*;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta' Lm351;

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jew min minnhom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm351 bħala danni sofferti mill-attur *nomine* li għalihom huma responsabbli l-konvenuti *nomine* jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenut *nomine*";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet ta' James Gollcher u Karl Gollcher fil-kwalità tagħhom fuq premessa, li biha eċċepew:

"Preliminarjament in kwantu għat-talba tas-soċjetà attriċi *proprio*, l-eċċipjenti *nomine* għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika *mas-soċjetà attriċi proprio*;

Illi in kwantu diretti kontra l-eċċipjenti *nomine* t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-eċċipjenti *nomine* mhumiex responsabbli għall-ħsarat u nuqqasijiet allegati;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-eċċipjenti m'għandhomx ibatu s-*survey fees* stante li din mhijiex parti mid-danni ta' l-assigurat (Sentenza ta' l-Appell, Sede Kummerċ: Ċitaz. nru. 112/86 - 6/4/92 - **Dr. R. Staines** ***et noe vs*** **Chev. Silvio Mifsud** ***noe et***);

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-interessi legali għandhom jiddekorru mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni (sentenza ta' l-appell, Sede Kummerċ: Ċitaz. nru. 112/86 - 6/4/92 - **Dr. R. Staines** ***et noe vs*** **Chev. Silvio Mifsud** ***noe et***);

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel

eċċezzjoni, ir-responsabbilità ta' l-eċċipjenti *nomine* hija *limitata skond il-polza tal-kariku;*

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti Gollcher *nomine*;

*Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela* u Alfred E. Aquilina fil-kwalità tagħhom premessa li biha eċċepew:

"Illi preliminarjament din il-Qorti hija nkompetenti *rationae valoris* stante li d-danni allegatament sofferti jammontaw anqas minn Lm250.00,0 u dan peress: li *s-survey fees* mhumiex danni apparti li huma esaġerati; tali *survey fees* is-soċjetà *attriċi m'għandhiex dritt għalihom stante li lanqas teżisti surroga dwar l-istess;*

Illi fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess, għandu jiġi esebit il-mod u/jew iċ-*cheque* li bih sar il-pagament ta' Lm215.00,0 lill-Industrial Motors Limited; Illi *ai termini* ta' l-artikolu 16 tal-*Port Ordinance, 1962*, l-esponenti mhux responsabbli għall-allegati ħsarat stante li tali dikjarazzjoni, la darba l-*gate pass out* ġie ffirmat *clean* jesimi lill-esponenti minn kull responsabbilità; illi di più u fil-meritu, l-importatur innifsu ffirma l-*gate pass out* tramite r-rappreżentant tiegħu fejn huwa ddikjara illi rċieva l-merkanzija *in good order and condition*, bla ma għamel jew insista għall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza ddatata 19 ta' Awissu, 1992, fl-ismijiet **Reginald Micallef** *vs* **James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo** (Ċitaz. nru. 1103/86) Qorti ta' *l-Appell - Sede Kummerċjali*, is-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni, l-assigurat kiser il-kondizzjonijiet ta' l-

istess, peress li ffirma l-istess *gate pass out* bla ebda riserva, b'dan is-soċjetà attriċi lanqas kienet obbligata tħallas lill-assigurat u b'hekk lanqas għandha *locus standi* fil-kawża;

Illi l-esponenti jirreferu għas-sentenza dwar is-*survey fees* allegati, ma jistgħux jiġu rreklamati stante li mhumiex danni ta' l-assigurat u l-interessi jiddekorru meta l-ammont jiġi llikwidat, stante li si tratta dwar kawża ta' danni (sentenza tal-Qorti ta' l-Appell - Sede Kummerċjali - deċiża fis-sitta ta' April, 1992 - Ċitaz. nru. 112/86) fl-ismijiet **Dr. Robert Staines u Walter Camilleri** *vs* **Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo**, u KF 811/92 **Dr. Robert Staines u S. Mifsud u Godwin Abela** *deċiża fit-tlieta (3) ta' Frar, 1994;*

Illi għalhekk il-konvenuti mhumiex responsabbli *ai termini* ta' l-artikolu 70 tal-*Port Regulations* subinċiż (3);

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentat u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti Abela u Aquilina *nomine*;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eċċezzjoni li għandha tiġi nvestita hija dik issollevata mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited ta' nkompetenza *rationae valoris*. Fil-fehma tagħha din l-eċċezzjoni mhix fondata billi s-*survey fees* huma spiża neċessarja u aċċessorja biex jiġu konstatati d-danni reklamati;

Dwar il-*gate pass out*, ix-xhud Noel Spiteri, prodott mis-soċjetà The Cargo Handling Company Limited, iddikjara li huwa ma eżaminax il-vetturi in kwistjoni, filwaqt li s-*surveyor* John Borg Bellanti, prodott mill-attur *nomine*, xehed li hu *eżamina l-vetturi meta dawn kienu għadhom fil-kustodja tas-soċjetà konvenuta msemmija, f'Laboratory Wharf, u hemm,* ikkonstata n-nuqqasijiet elenkati a fol. 7 tal-proċess. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti l-istess *gate pass out* mhux attendibbli meta *jinsab kontradett minn xhieda okulari ta' l-istat tal-vetturi qabel dawn ġew irtirati mill-importatur. Il-Qorti tikkunsidra x-xhieda* tas-*surveyor* iżjed fede denja minn dak li jirriżulta mill-*gate pass out* li huwa iżjed probabbli li ma jirrispekkjax il-verità;

Dwar *it-tally sheet prodotta mill-konvenuti Gollcher nomine*, a fol. 43, din ma ġietx ikkontestata jew kontradetta, u għalhekk, għandha titqies li tikkostitwixxi prova tal-kontenut tagħha fis-sens li meta l-vetturi in kwistjoni ġew żbarkati minn *abbord ma kienx fihom nuqqasijiet li allura ġraw sussegwentement meta l-vetturi kienu fil-kustodja tas-soċjetà* konvenuta l-oħra. Għalhekk, mhux il-każ li l-Qorti tinvesti l-eċċezzjonijiet l-oħra ssollevati mill-istess konvenuti Gollcher *nomine*, billi dawn ser jiġu lliberati mit-talbiet diretti kontra tagħhom billi ma jirriżultax li huma responsabbli għad-danni in kwistjoni;

Dwar *l-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà konvenuta The* Cargo Handling Company Limited dawn ma jirriżultawx fondati. Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tillibera lill-konvenuti Gollcher *nomine* mit-talbiet attriċi billi huma mhumiex responsabbli għad-danni reklamati mill-attur *nomine* u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta The Cargo *Handling Company Limited, tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-istess soċjetà konvenuta bl-imgħax legali mid-*data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu kollha mis-soċjetà konvenuta sokkombenti";

Appellat minn din is-sentenza s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited. L-appell hu bbażat fuq il-fatti mhux kontestati illi meta ġew maħtuta l-karozzi minn fuq il-vapur u saret il-konsenja fuq il-moll, skond it-*tally sheets* esebiti, dawk niżlu Malta mingħajr ebda rimarki. Di più, skond ma jirriżulta mill-*gate pass out* relattivi, ġew rilaxxati 34 vettura mingħajr ebda rimarki. L-appellant isostni li jirriżulta li s-soċjetà importatriċi aċċettat dawn id-dokumenti u għamlet il-kawża wara li rtirat il-vetturi mill-pussess tas-soċjetà appellanti billi bdiet tirreklama li sakemm dawn damu fil-pussess tagħha, il-vetturi soffrew ħsara u telf. Is-soċjetà appellanti tikkontesta li hi kienet b'xi mod responsabbli għal dawn id-danni u inoltre tipprotesta kontra t-talba attriċi għall-ħlas ta' Lm136 bħala *survey fees* f'ammont li tikkunsidra li hu assolutament eċċessiv u mhux dovut. Anke peress li s-soċjetà attriċi qatt ma ġiet surrogata għal dan l-ammont u ma kellha allura l-ebda relazzjoni mas-soċjetà appellanti;

Din il-Qorti tqis illi l-appell fir-rigward tas-*survey fees* hu wieħed ġustifikat u sejra tilqgħu. Mhuwiex invece ġustifikat l-appell fir-rigward tal-kundanna għall-ħlas tal-ħsara u telf;

Is-soċjetà appellanti qed tissottometti korrettement li s-surroga li in forza tagħha s-soċjetà attriċi assikuratriċi qed taġixxi ma tkoprix dawn is-*survey fees*. Di fatti s-*subrogation form* tispeċifika illi s-surroga qed issir bħala konsegwenza tal-ħlas minnha lill-assikurat tagħha ta' Lm315 għal *shortages* fl-33 karozza żbarkati. Mill-banda l-oħra però, l-istess *subrogation form* tiddikjara illi bħala riżultat ta' dak il-pagament, is-surrogat kien qed jissurroga lis-soċjetà attriċi li ħallsitu fid-drittijiet kollha tagħha fir-rigward tal-karozza in kwistjoni. "*You are subrogated to all our rights and remedies in, and in respet of the goods as provided by the law governing the contract of insurance*". Hija korretta allura s-sottomissjoni li s-surroga ma tkoprix is-*survey fees* fihom infushom, imma biss l-ammont

effettivament inhallas bhala kumpens tad-danni. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-insenjament ta' diversi sentenzi f'dawn il-Qrati, fosthom dik deciża minn din il-Qorti fis-6 ta' April, 1992 fl-ismijiet **Dr. Robert Staines** ***nomine vs*** **Godwin Abela** ***nomine***, li rriteniet li *s-survey fees* qatt ma jithallsu mill-importatur u konsegwentement ma jkun hemm qatt surroga ghalihom. Huma generalment deskritti, "kif inhuma f'dan *il-każ ukoll*" bhala *agency fees* interess tas-soċjetà attriċi *proprio* li bhala tali li mhijiex parti fil-kawża u, konsegwentement, m'ghandhiex *locus standi* fil-konfront tas-soċjetà appellanti. Dan kollu però ma jfissirx li ma jistax ikun li xi parti minn dawn is-*survey fees* ma jkunux dovuti lis-soċjetà assikuratriċi attriċi f'każ li jirriżulta li tali ammont ikun kif irriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata "spiża neċessarja u aċċessorja biex jigu kostatati d-danni reklamati". F'dan il-każ allura tali ammont ikun reklamabbli mis-soċjetà assikuratriċi attriċi mhux in forza tas-surroga, imma in forza tal-prinċipji generali li jekk persuna kkagunat danni hi kellha tirrispondi ghalihom u, konsegwentement, dawn id-danni kellhom jestendu ukoll ghal dak l-ammont li kellu jigi neċessarjament minfuq biex jigu stabbiliti dawk id-danni;

Fil-każ in eżami però, din il-Qorti ma tarax kif tista' gustament u validament jigi ritenut li l-ammont kollu reklamat mis-soċjetà assikuratriċi attriċi bhala *survey fees* hu dovut. Hu aktar minn ċar li l-ispiża neċessarja u aċċessorja biex jigu kostatati danni reklamati ma tistax testendi oltre l-ispiża mehtiega biex tigi kostatata l-hsara fejn din effettivament grat, u ċjoè fis-sitt vetturi li fil-fatt instab li kellhom hsara jew telf. Il-Qorti tifhem li *s-survey* tal-vetturi isir mis-soċjetà assikuratriċi fl-interess ta' l-assikurat taghha indipendentement milli jekk ikunx hemm jew le hsara fl-oggett assikurat. Dana bhala parti mill-proċess ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni. Altrimenti wiehed jasal biex jghid li s-soċjetà assikutratiċi attriċi kellha tirriklama l-ammont ta' *survey fees* min-naha tas-

soċjetà appellanti anke fejn ma kienet tirriżulta l-ebda ħsara, li ċertament mhux il-każ;

Il-Qorti tifhem allura li hu dovut lis-soċjetà assikuratriċi biss dak il-proporzjon ta' *survey fees* li ntefaq u li kellu bilfors jintefaq *biex jiġi stabbilit bi preċiżjoni x'kienet il-ħsara u l-*ammont ta' dannu li għaliha kienet responsabbli s-soċjetà appellanti fil-vetturi fejn din instabet;

Kif intqal ġew importati f'Malta b'kollox 34 vettura li minnhom 28 irriżulta li ma kellhom l-ebda ħsara jew danni u allura fir-rigward tagħhom is-soċjetà assikuratriċi attriċi ma setgħet tippretendi xejn mingħand is-soċjetà appellanti, filwaqt li f'6 minnhom instab li kien hemm il-ħsara. Il-proporzjon allura tas-*survey fees* hu ġust li jinqasam f'rati ta' wieħed minn kull sitta għall-vetturi bil-ħsara u ħamsa minn kull sitta għall-vetturi bla ħsara. Dan ifisser li minn ammont ta' Lm136 reklamat taħt *dan il-kap mis-soċjetà assikuratriċi attriċi, is-soċjetà appellanti* dovuta tħallas l-ammont ta' Lm22.80 in linja ta' danni konsegwenzjali bħala nefqa neċessarja biex is-soċjetà importatriċi u s-soċjetà assikuratriċi tagħha tistabbilixxi l-entità tad-danni sofferti. Is-sentenza appellata ser tiġi għalhekk, sa hawn, riformata;

Din il-Qorti eżaminat b'attenzjoni s-sottomissjonijiet ta' l-appellant *nomine* rigward ir-responsabbilita dikjarata tiegħu għall-ħsarat reklamati mis-soċjetà assikuratriċi attriċi. Dawn l-*aggravji jsegwu dawk li għal żmien twil u f'ħafna kawżi ta' l-*istess xorta s-soċjetà The Cargo Handling Company Limited *issottomettiet fir-rigward tal-validità tad-dokumenti li bihom u* permezz tagħhom tiġi żbarkata u rilaxxata merkanzija. Hi tagħmel referenza estensiva għal ġurisprudenza in materja, u din il-Qorti *ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tinoltra ruħha* f'eżami ta' dan l-aspett tal-vertenza li ġie bosta drabi dibattut u

mhux dejjem b'mod konsistenti minn dawn il-Qrati. Kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu u ċertament hu llum stabbilit li sa ċertu żmien, il-validità probatorja tal-*gate pass out* kienet waħda dubbjuża għall-aħħar. Dan sal-punt li s-soċjetà appellanti ċertament ma tistax tistrieħ fuq dak li jirriżulta *on the face of the documents*, imma kellha tipprova *aliunde* l-estraneità tagħha għad-danni reklamati mill-importatur. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata u wara li eżaminat is-sottomissjonijiet dwarhom mill-kontendenti hi ma tarax raġuni għaliex għandha ma taqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha s-sentenza appellata. Din il-parti tas-sentenza ser tiġi għalhekk ikkonfermata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell limitatament għall-aggravju fir-rigward tas-*survey fees* u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat il-konvenuti Gollcher *nomine* mit-talbiet attriċi billi dawn mhumiex responsabbli għad-danni reklamati mill-attur *nomine* u tikkonfermaha ukoll in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta in kwantu rriteniet̄ha responsabbli għall-ħsarat u danni reklamati mill-attur *nomine*, b'dan però illi d-danni għandhom jiġu llimitati għall-ammont ta' Lm215 danni u ħsarat fil-vetturi in kwistjoni u dwarhom m'hemm l-ebda kontestazzjoni u li magħhom għandha tiżdied is-somma ta' Lm22.80c danni konsegwenzjali u aċċessorji għal dawk riskontrati. B'kollox allura fis-somma ta' mitejn u sebgħa u tletin lira Maltija u tmenin ċenteżmu (Lm237.80c);

Konsegwentement, il-konvenut *nomine* appellant qed jiġi kkundannat iħallas dan l-ammont lis-soċjetà attriċi;

Fir-rigward ta' l-imgħax dawn għandhom jiddekorru fir-rigward ta' l-ammont ta' Lm215 li huma d-danni materjalment

riskontrati mill-assikuratur minnu mħallas lill-assikurat mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni lis-soċjetà appellanti. Fuq il-bilanċ ta' Lm22.80c l-imgħax legali għandu jibda jiddekorri mil-lum meta qed jiġi llikwidat. Rigward l-ispejjeż tal-kawża din il-Qorti qiegħda ukoll tirriforma s-sentenza appellata u tiddeċidi li dawn għandhom jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mis-soċjetà appellanti konvenuta u kwantu għal terz mis-soċjetà attriċi.

---